# KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-BAĦRIJA
# IT-TIENI LEĠIŻLATURA
# MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 36

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar**
**Il-Ħamis 20 ta' Lulju 2017 fil-5.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** Data u ħin

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur Anglu Portelli | Membru |
| Is-Sra Marthese Cortis | Membru |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur George Attard | Membru |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

## 36.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

36.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tas-Sur George Attard u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

36.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Paul Galea. Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti ġie deċizz l-apoloġija ma tiġiex aċċettata. Din id-deċiżjoni ttieħdet minħabba li s-Sur Galea ma tax raġuni għaliex ma kienx ser jattendi.

**36.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 35**

36.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 35 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin is-Sur Paul Grech u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti 35

**36.3 Komunikazzjoni miċ-Ċerpersin**

36.3.1 Iċ-Ċerpersin is-Sur Paul Grech informa l-laqgħa li x-xogħolijiet fuq il-bandli tal-Baħrija kienu saru u issa kien jonqos biss li jiġi rranġat il-*fence* li jdawwar il-bandli.

Komunikazzjoni miċ-Ċerpersin

**36.4 Konsultazzjoni dwar Triq in-Nigret**

36.4.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0634/17**, iċ-Ċerpersin ġab għall-attenzjoni tal-Kumitat korrispondenza riċevuta mill-Ministeru tat-Transport, Infrastruttura u Progetti Kapitali dwar l-immanigjar tat-traffiku fiz-zona tar-*roundabout* tan-Nigret.

Konsultazzjoni dwar Triq in-Nigret

Wara diskussjoni li saret l-membri tal-Kumitat Amministrattiv ma qablux ma l-idea li l-karrozzi jibdew jgħaddu minn fejn l-appartamenti tal-Gvern. Iċ-Ċerpersin is-Sur Paul Grech ippropona li jsir *Traffic Management Plan* minn 'Transport Malta'. Issekonda din il-proposta is-Sur Anglu Portelli. Il-Kumitat qabel unanimamnet.

**36.5 Mozzjoni 01/2016 – 'Mozzjoni biex issir talba lill-'Malta Communications Authority' sabiex issir installazzjoni ta' *Free WiFi* fil-pjazza tal-Baħrija'**

36.5.1 Peress li l-Viċi Ċerpersin is-Sur Paul Galea li ppropona din il-mozzjoni ma kienx preżenti għal-laqgħa, tali mozzjoni ser terġa' tittella' fuq l-aġenda li jmiss.

Mozzjoni 01/2016 – Mozzjoni biex issir installazzjoni ta' *Free WiFi* fil-Pjazza tal-Baħrija

**36.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

36.6.1 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ħamis 24 ta' Awwissu 2017 fil-5.00 ta' filgħaxija. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

36.6.2 Il-laqgħa ntemmet fis-5.50 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum ........................... .......... ta'......................... 2017

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| **Paul Grech** | **Orietta Cardona** |
| **Ċerpersin** | **Segretarju Eżekuttiv** |